KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Ewwel Kontinwazzjoni (46) tal-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin Laqgħa (45) tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Tlieta 22 ta' Novembru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija wara li ngħatat in-nofs siegħa fuq il-ħin minħabba nuqqas ta' quorum.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 7.00 p.m. |
| Il-Vi`i-Sindku John Bray | Skużat | |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 7.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | Skużat | |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 5.54 p.m. | 7.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 5.55 p.m. | 7.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | Assenti | |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 7.00 p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 7.00 p.m. |

**6.Dawl Dekorattiv u Attivitajiet Relatati mal-Festi tal-Milied 2011**

Is-Sindku Graziella Galea nfurmat lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Adrian Abela mill-Kumitat tal-Festa fejn ġie deċiż fejn għandu jintrema d-dawl tal-Milied, fiż-żoni ta' Burmarrad, Bugibba, Qawra, San Pawl il-Baħar u Xemxija. L-istess kumitat kien lest jarma l-fustun tal-Kunsll kif ukoll li juża l-fustuni tiegħu sabiex jintramaw it-toroq tal-lokalita' fejn hu possibbli. Gie awtorizzat li jinxtraw bozoz ikkuluruti li jkun hemm bżonn sabiex jinbiddlu l-bozzoz maqtgħuha. Sar kuntatt mal-Kumitat tal-Festa ta' Tas-Sliema biex jinkera xi dawl dekorattiv tal-Milied. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jalloka s-somma ta' 30,000 ewro ghal dawl dekorattiv u attivitajiet relatati mal-festi tal-Milied.



Sindku / *Mayor* : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary* : John J. Camilleri

7. **Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral: Measure 125**

Gie deċiż li issir applikazjoni għal toroq fir-raba fl-inħawi tal-Wardija, fosthom dik tal-Qadi

8. **Proġett - Thalassalejn Boċċi Club**

Is-Sindku Graziella Galea infurmat li kienet inħarġet is-sejħa għall-offerti għall-akkwist u tqegħid ta' planki kif kien miftiehem ma' Thalassalejn Boċċi Club. Inħarġet ukoll sejħa għall-Espressjoni ta' Interess għall-proġett tal-*playing field* fl-istess post.

9. **Proġett tal-ESF - Train to Succeed**

Is-Sindku Graziella Galea nfurmat li kienet ġiet approvata l-applikazjoni tal-Kunsill taħt il-programm European Social Fund tal-Unioni Ewpopea. Kienu qed isiru laqgħat mall-uffiċjali tal – PPCD dwar xi emendi u aġġustamenti oħra li kien hemm bzonn qabel ma jkun jista jigi iffirmat il-kuntratt. Fost dawn l-emendi l-Kunsill ġie infurmat li kien jeħtieġ li jinbidlu il *Partners* Transnazjonali għaliex dawk proposti ma kienux aċċettabli.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Raymond Bartolo iddikjara konflitt ta' interess u għalhekk ma kienx ser jipparteċipa f'din id-diskussjoni.

Fuq talba tal-PPCD ġie approvat unanimament li l-*Partners Lokali* (MHRA, GRTU, u UHM) jintalbu jaħtru membru fuq il-Bord tal-Aġġudikazjoni tas-Sejħiet għall-Offerti. Dawn il-membri għandhom jiżdiedu ma dawk tal-Bord eżistenti meta jkun ser jiġu evalwati sejħiet għall-offerti relatati ma dan il-proġett.

10. **Proposta ta' Ftehim bejn il-Kunsill Lokali u Sirens Football Club**

Qabel bdiet id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-Sindku iddikjarat konflitt ta' interess u għalhekk hija iddikjarat li ma kienitx ser tipparteċipa f'din id-diskussjoni.

Inqrat ittra mis-Sirens Football Club fejn dawn talbu li jsir xi forma ta' kuntratt fejn il-Klabb ikun jista' jofri l-użu tal-grawnd bi-hlas lill-Kunsill għall-perjodu ta'snin.

Saret diskussjoni dwar dan u wara li kien jidher li hemm qbil fuq il-kunċett ta' din il-proposta, ġie deċiż unanimament li issir laqgħa mad-diriġenti tal-Klabb. Il-Kunsilliera Frank Gauci, Mario Camilleri, Ray Tabone, u Ray Bartolo, flimkien mas-Sindku ġew maħtura jattendu din il-Laqgħa.

11. ***Local Enforcement/Wardens***

Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jkun jaf x'kien il-kriterju ta' kif u fejn jintbagħtu l-*Wardens*. Huwa talab ukoll li jara l-kuntratt tal-Authorised Officer, kemm dak ġdid mar-Reġjun kif ukoll dak ta' qabel bejn is-sitt Kunsilli li kienu jiffurmaw il-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana. Huwa qal li kien moralment konvint li l-*Autorised Officer* preżenti kien għadda xi informazjoni fuqu bħala Kunsillier lill-*media* lokali. Is-Sindku Graziella Galea qalet li l-kuntratt preżenti hu l-istess wieħed li kien approvat u ffirmat snin ilu mill-istess sitt kunsilli.

12. ***Speed Camera* F'Dawret San Pawl**

Is-Sindku Graziella Galea spjegat li kienet saret applikazzjoni għal din il-*camera* iżda meta din ġiet biex titpoġġa, il-Kunsill kien ġie nfurmat minn Transport Malta li kienet qed issir riforma dwar l-i*speed cameras*. Fil-fatt din l-i*speed camera* qatt ma tweħħlet minħabba li r-riforma għadha ma ġietx iffinalizzata. Il-Kunsillier Jason Camilleri qal li ma jaqbilx li din il-*camera* ma ssirx fil-post propost mill-Kunsill preċedenti. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li

jsiru żewġ *speed cameras*. Sadanittant għandha ssir superviżjoni mingħand il-Pulizija. Għandha tiġi nfurmata Transport Malta dwar il-bżonn li jsiru tabelli u *rumble strips* fl-aħħar mitt metru ta' kull tarf tat-triq.

**13. <u>Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad</u>**

Iċ-Cerpersin Ray Bartolo qara lista ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad għall-approvazzjoni tal-Kunsill, kopja ta' dawn annessa. Dawn id-deċiżjonijiet ġew approvati unanimament.

**14. <u>Aġġornamenti</u>**

**14.01 Il-Kunsillier Mario Camilleri –**

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kienu qed jidhru fil-*media* diversi artikli li jattakkaw il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, b'ħafna gideb, u għalhekk kien hemm bżonn li l-Kunsill jirribatti dawn l-attakki billi jinforma lill-pubbliku bix-xogħol li qed isir mill-Kunsill. Huwa ssuġġerixxa li jiġi ppubblikat fuljett ta' kull xahar għal dan il-għan. Il-Kunsillier Jason Camilleri ma qabilx ma' dan u qal li l-Kunsill għandu jwieġeb billi jikteb fuq il-gazzetti u mhux permezz ta' flyer.

F'dan l-istadju l-Kunsillier Jason Camilleri ħalla l-kamra u billi ma kienx hemm quorum il-laqgħa kellha tintemm.

**15. <u>Egħluq tal-Laqgħa</u>**

Fis-sebgha ta' filghaxija il-laqgħa ġiet aġġornata, għal nhar il-Gimgħa, 25 ta' Novembru, 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| ***Perit Graziella Galea*** | ***John J. Camilleri*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |
| 14 ta' Diċembru 2011 | Ref: 55 / 0940 / 11 / OCZ |